Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 26 ta' Awwissu 2026**
**(OR. en)**

**12326/26**

**ENFOPOL 282**
**JAI 1050**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 29 ta' Lulju 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 408 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL<br>dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1153 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI, inkluża l-ħtieġa għal u l-proporzjonalità tal-estensjoni tad-definizzjoni ta' informazzjoni finanzjarja |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 408 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 408 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.7.2026
COM(2026) 408 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

**dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1153 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI, inkluża l-ħtieġa għal u l-proporzjonalità tal-estensjoni tad-definizzjoni ta' informazzjoni finanzjarja**

## 1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva"), daħlet fis-seħħ fil-31 ta' Lulju 2019. Is-26 Stat Membru tal-UE marbutin bid-Direttiva (jiġifieri kollha kemm huma ħlief id-Danimarka) kellhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-1 ta' Awwissu 2021.

L-objettiv ġenerali tad-Direttiva huwa li tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni finanzjarja mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi[1], u b'hekk tikkontribwixxi għall-politiki usa' fil-qasam tas-suq intern u tas-sigurtà biex jiġu pprevenuti u miġġielda l-ħasil tal-flus u l-attivitajiet kriminali. Id-Direttiva tistabbilixxi regoli biex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jingħataw aċċess għar-reġistri ċentralizzati tal-kontijiet bankarji stabbiliti fl-2015 mid-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] (minn hawn 'il quddiem id-"Direttiva AML attwalment applikabbli"). Tistabbilixxi wkoll rekwiżiti biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (FIU, Financial Intelligence Unit), kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier, kif ukoll il-kooperazzjoni ta' dawn l-atturi mal-Europol. Tali aċċess u skambji ta' informazzjoni huma soġġetti għal sett ta' salvagwardji speċifiċi għall-protezzjoni tad-data.

Dan ir-rapport jirrieżamina l-implimentazzjoni tad-Direttiva[3], filwaqt li jivvaluta t-traspożizzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri fil-liġi nazzjonali. **Filwaqt li l-maġġoranza tal-Istati Membri ttrasponew id-Direttiva b'mod korrett, għad fadal xi problemi**. Fl-istess ħin, u filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-ittestjar tal-istress tal-acquis tal-UE u l-politika tal-Kummissjoni ta' simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piż, ir-rapport jivvaluta r-rabtiet tad-Direttiva ma' strumenti leġiżlattivi oħra fil-livell tal-UE.

Dan ir-rapport jinkludi wkoll valutazzjoni dwar il-ħtieġa ta' estensjoni tad-definizzjoni ta' informazzjoni finanzjarja li tinsab fid-Direttiva u l-proporzjonalità tagħha. Dak huwa meħtieġ mill-Artikolu 21(3) tad-Direttiva, li jirrikjedi wkoll li l-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva, jekk ikun xieraq. Il-valutazzjoni, ibbażata fuq kwestjonarji lill-prattikanti u diskussjonijiet mal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja u mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, turi li hemm xi sfidi fil-kapaċità tal-infurzar tal-liġi biex tinkiseb u tiġi pproċessata informazzjoni finanzjarja, iżda wkoll xi titjib reċenti u l-aħjar prattiki li jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-ostakli eżistenti, mingħajr ma tiġi eskluża l-possibbiltà li miżuri futuri – inkluża l-estensjoni tad-definizzjoni ta' informazzjoni finanzjarja – jistgħu jiġu adottati biex tittejjeb il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jsegwu l-approċċ ta' *follow the money* li jinvolvi l-investigazzjoni ta' tranżazzjonijiet finanzjarji biex tinħareġ informazzjoni jew evidenza dwar

[1] Id-Direttiva tkopri l-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali kif innominati mill-Istati Membri; l-awtoritajiet tat-taxxa u l-aġenziji kontra l-korruzzjoni jistgħu jiġu koperti wkoll sal-punt li jkunu kompetenti għal tali kompiti skont il-liġi nazzjonali.

[2] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/849/oj).

[3] L-Artikolu 21(1) tad-Direttiva.

reat, suspett jew network kriminali, u biex jiġu identifikati assi illeċiti li jistgħu jiġu ffriżati u kkonfiskati.

Ta' min wieħed jinnota li l-implimentazzjoni tad-Direttiva saret f'kuntest ta' titjib ulterjuri fil-qafas tal-UE kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzi kriminali, qasam enfasizzat fl-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna ("ProtectEU")[4]. Fl-2024, il-koleġiżlaturi adottaw **is-Sitt Pakkett Kontra l-Ħasil tal-Flus**, li jinkludi d-Direttiva (UE) 2024/1640 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem id-"Direttiva AML il-ġdida")[5], ir-Regolament (UE ) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] u l-ħolqien ta' Awtorità tal-UE Kontra l-Ħasil tal-Flus ġdida[7], **u d-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**[8], li se tippermetti, fost l-oħrajn, il-konfiska ta' ġid mhux ġustifikat. Id-Direttiva ġiet emendata fl-istess sena[9] biex tipprovdi lill-awtoritajiet aċċess għal informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji bejn il-fruntieri. Dik l-emenda ma hijiex fl-ambitu ta' dan ir-rapport ta' implimentazzjoni[10].

Ladarba jiġi varat bis-sħiħ fil-prattika, il-qafas legali mġedded se jiffaċilita l-forniment ta' intelligence finanzjarja aħjar mill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja u se jtejjeb il-kapaċità tal-infurzar tal-liġi, u b'mod partikolari l-uffiċċji tal-irkupru tal-assi, biex jiġu ttraċċati l-assi illeċiti.

## 2. ANALIŻI TAT-TRASPOŻIZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI TAD-DIRETTIVA

Din it-taqsima tirrieżamina t-traspożizzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri fil-liġi nazzjonali, billi tivvaluta l-kompletezza u l-konformità tal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali mar-rekwiżiti tad-Direttiva.

### 2.1 Nomina tal-awtoritajiet kompetenti

Skont **l-Artikolu 3(1)** tad-Direttiva, kull Stat Membru għandu **jinnomina**, fost **l-awtoritajiet** tiegħu kompetenti għall-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, l-awtoritajiet kompetenti **li għandhom is-setgħa li jaċċessaw ir-reġistru ċentrali nazzjonali tal-kontijiet bankarji tiegħu u li jfittxu fih**. Dawk l-awtoritajiet

[4] EUR-Lex - 52025DC0148 - MT - EUR-Lex

[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1640 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937, u li temenda u tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849 (ĠU L, 2024/1640, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1640/oj).

[6] Ir-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L, 2024/1624, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1624/oj).

[7] Ir-Regolament (UE) 2024/1620 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L, 2024/1620, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1620/oj).

[8] Id-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi (ĠU L, 2024/1260, 2.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1260/oj).

[9] Id-Direttiva (UE) 2024/1654 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1153 fir-rigward tal-aċċess mill-awtoritajiet kompetenti għar-reġistri ċentrali tal-kontijiet bankarji permezz tas-sistema ta' interkonnessjoni u tal-miżuri tekniċi biex jiġi ffaċilitat l-użu tar-rekords tat-tranżazzjonijiet (ĠU L, 2024/1654, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1654/oj).

[10] Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2024/1654, "L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-10 ta' Lulju 2027".

kompetenti għandhom jinkludu mill-inqas l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi. Skont **l-Artikolu 3(2)** tad-Direttiva, kull Stat Membru għandu jinnomina, fost l-awtoritajiet tiegħu kompetenti għall-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, dawk l-awtoritajiet kompetenti li jistgħu **jitolbu u jirċievu** informazzjoni finanzjarja jew analiżi finanzjarja mill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja. **L-Artikolu 3** tad-Direttiva ġie **traspost b'mod korrett** mis-26 Stat Membru kkonċernat kollha. Il-lista tal-awtoritajiet kompetenti nnominati għal kull Stat Membru tinsab fuq il-paġna Ħasil tal-flus - Migrazzjoni u Affarijiet Interni - il-Kummissjoni Ewropea[11] u fl-anness ta' dan ir-rapport.

### 2.2 Aċċess mill-awtoritajiet kompetenti għall-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji

Skont **l-Artikolu 4(1)** tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti nnominati skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva jkollhom **is-setgħa li jaċċessaw u jfittxu, direttament u immedjatament, informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji** meta jkun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom għall-finijiet ta' prevenzjoni, detezzjoni, investigazzjoni jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali serji jew l-appoġġ ta' investigazzjoni kriminali dwar reat kriminali serju. **L-Artikolu 5** tad-Direttiva fih **il-kundizzjonijiet** għall-awtoritajiet kompetenti biex jaċċessaw u jfittxu informazzjoni dwar il-kont bankarju: it-tfittxijiet fir-reġistru ċentrali tal-kontijiet bankarji għandhom jitwettqu biss fuq bażi ta' każ b'każ minn persunal innominat speċifikament bi standards għoljin ta' kunfidenzjalità, u s-sigurtà tad-data għandha tiġi żgurata permezz ta' miżuri tekniċi u organizzattivi.

**L-Artikolu 6** tad-Direttiva jirrikjedi li l-awtoritajiet li joperaw ir-reġistri tal-kontijiet bankarji jżommu **reġistri ta' aċċessi u tfittxijiet** mill-awtoritajiet kompetenti, u jispeċifika l-kontenut minimu ta' tali reġistri: ir-referenza tal-fajl, id-data u l-ħin tat-talba jew tat-tfittxija, it-tip ta' data użata għat-tnedija tat-talba jew tat-tfittxija, l-identifikatur tar-riżultati, l-isem tal-awtorità kompetenti nnominata li kkonsultat ir-reġistru u l-identifikatur tal-uffiċjal li jkun wettaq it-talba jew it-tfittxija. Barra minn hekk, ir-reġistri għandhom jiġu vverifikati regolarment mill-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data, għandhom ikunu disponibbli fuq talba lill-awtorità superviżorja nazzjonali kompetenti u għandhom jitħassru 5 snin wara l-ħolqien tagħhom.

B'mod ġenerali, **it-traspożizzjoni** ta' dawk l-Artikoli tad-Direttiva mill-Istati Membri **tiżgura** li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom **aċċess rapidu għall-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji** filwaqt li tiggarantixxi s-sigurtà tad-data.

Diversi Stati Membri ma ttrasponewx b'mod korrett xi rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5. Dan jikkonċerna b'mod partikolari r-rekwiżit li l-persunal iżomm standards professjonali għoljin ta' kunfidenzjalità u protezzjoni tad-data, ir-rekwiżit li tali persunal ikun ta' integrità għolja u b'ħiliet xierqa, u r-rekwiżit ta' miżuri tekniċi u organizzattivi li jiżguraw is-sigurtà tad-data li għandha tinżamm skont standards teknoloġiċi għoljin. Madankollu, ta' min jinnota li diversi Stati Membri japplikaw dawk ir-rekwiżiti fil-prattika mingħajr ma jkollhom dispożizzjoni legali speċifika fil-liġi nazzjonali tagħhom.

L-Istati Membri kollha kkonċernati jżommu reġistri biex jimmonitorjaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji u t-tfittxijiet tagħha mill-awtoritajiet kompetenti nnominati. Madankollu, għad hemm xi kwistjonijiet ta' konformità. F'żewġ każijiet, il-korpi li jżommu r-reġistri huma l-awtoritajiet li jaċċessaw l-informazzjoni minflok l-operatur tar-reġistru ċentrali nazzjonali tal-kontijiet bankarji. F'xi każijiet, id-dispożizzjonijiet li jittrasponu ma jiżgurawx li r-reġistrazzjonijiet ikun fihom il-kontenut kollu meħtieġ, jew jistabbilixxu

[11] Link dirett: https://home-affairs.ec.europa.eu/competent-authorities-designated-pursuant-article-3-directive-eu-20191153_mt

perjodi ta' żamma għar-reġistrazzjonijiet li ma jaqblux mal-ħames snin meħtieġa mid-Direttiva.

Għandu jiġi nnotat li r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva huma aktar speċifiċi mir-rekwiżiti ġenerali għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jipproċessaw data personali kif stabbilit fid-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12], li tistabbilixxi salvagwardji li jaqblu mal-aċċess għall-informazzjoni previst fid-Direttiva. Il-lakuni fit-traspożizzjoni identifikati spiss huma relatati ma' aspetti fej id-Direttiva introduċiet rekwiżiti li huma aktar speċifiċi minn dawk previsti fid-Direttiva (UE) 2016/680. Pereżempju, filwaqt li l-Artikolu 25(1) ta' dik id-Direttiva jirrikjedi reġistrazzjonijiet li "*jagħmluha possibbli li tiġi stabbilita l-ġustifikazzjoni, id-data u l-ħin ta' tali operazzjonijiet u, kemm jista' jkun, l-identifikazzjoni tal-persuna li kkonsultat jew żvelat data personali*" li jagħmluhom disponibbli għall-awtorità superviżorja nazzjonali fuq talba, l-Artikolu 6 tad-Direttiva jmur oltre, billi jirrikjedi ir-reġistrazzjonital-identifikatur uniku, jew tar-riżultati, jew tar-referenza tal-fajl nazzjonali, billi jobbliga l-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data għar-reġistri ċentrali tal-kontijiet bankarji biex jikkontrollaw regolarment ir-reġistrazzjonijiet, u billi jistabbilixxi perijodi speċifiċi ta' żamma tad-data li meta jinqabżu jridu jitħassru r-reġistrazzjonijiet.

### 2.3 Skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja fil-livell nazzjonali, u bejn l-awtoritajiet kompetenti jew l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja fil-livell internazzjonali

Il-Kapitolu III tad-Direttiva (l-Artikoli 7 sa 10) fih dispożizzjonijiet biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fil-livell nazzjonali bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, fejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja jipprovdu informazzjoni u analiżijiet finanzjarji lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jipprovdu informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi lill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja. Dawk l-Artikoli jipprevedu l-possibbiltà li tali informazzjoni tiġi ttrasferita lil Stati Membri oħra, u jistabbilixxu regoli dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja ta' Stati Membri differenti u dwar l-iskambju ta' informazzjoni miksuba mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi mill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja tagħhom mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri oħra.

#### 2.3.1 Skambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja fil-livell nazzjonali

**L-Artikolu 7 tad-Direttiva jirrikjedi li l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja** jikkooperaw mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom innominati skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva, fuq talba u fuq bażi ta' każ b'każ, billi jipprovdu **informazzjoni finanzjarja** diġà fil-pussess tagħhom jew billi jipprovdu **l-analiżijiet finanzjarji** li jipproduċu. L-Artikolu 7(2) u (4) tad-Direttiva jistabbilixxi **kundizzjonijiet** addizzjonali li jirregolaw dawk l-iskambji ta' informazzjoni: id-deċiżjoni li tiġi mxerrda l-informazzjoni għandha tibqa' f'idejn l-Unità tal-Intelligence Finanzjarja li tista' tirrifjuta talba għal diversi raġunijiet, inkluż l-impatt negattiv possibbli fuq l-investigazzjonijiet jew l-analiżijiet li jkunu għaddejjin, l-isproporzjonalità tat-talba fir-rigward tal-interessi leġittimi ta' persuna fiżika jew ġuridika, jew l-irrilevanza tat-talba. Skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva, l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja għandhom

[12] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/680/oj).

jispjegaw kwalunkwe rifjut ta' tweġiba għal talba għal informazzjoni u kwalunkwe użu mill-awtorità kompetenti ta' tali informazzjoni għal skopijiet lil hinn minn dawk approvati oriġinarjament jista' jsir biss soġġett għall-kunsens minn qabel tal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja kkonċernata.

Hemm lakuni żgħar fi ftit Stati Membri: Stat Membru wieħed juża dispożizzjonijiet ġenerali dwar kooperazzjoni fost l-awtoritajiet biex jittrasponu dan l-artikolu, Stat Memberu ieħor jirreferi għal finanzjament tat-terroriżmu, il-ħasil tal-flus u reati predikati, minflok jirreferu għall-ambitu tad-Direttiva, jiġifieri reati serji, Stat Membru ieħor ma jippermettix lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja biex twieġeb għal talbiet mill-awtoritajiet maħtura kollha, iżda dawk biss li huma ġudizzjarji. L-istess huwa l-każ għal kondizzjonijiet addizzjonali li jirregolaw l-iskambju tal-informazzjoni, fejn uħud mill-Istati Membri għad għandhom lakuni fit-traspożizzjoni.

Skont l-**Artikolu 8** tad-Direttiva, l-Istati Membri jridu jiżguraw li **l-awtoritejiet kompetenti maħturin iwieġbu** f'waqtu għal talbiet għal **informazzjoni tal-infurzar tal-liġi** li jsiru mill-**Unità tal-Intelligence Finanzjarja** nazzjonali fuq bażi ta' każ b'każ, fejn l-informazzjoni hija meħtieġa għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, reati predikati assoċjati u finanzjament tat-terroriżmu.

**Is-26 Stat Membru** kkonċernati **kollha** ppermettew **lill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja** tagħhom **biex iwieġbu għal talbiet għal informazzjoni finanzjarja jew analiżijiet magħmula minn awtoritajiet kompetenti nnominati** u rrikjedew li dawk l-awtoritajiet iwieġbu għat-talbiet tal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja għall-informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi.

Għandhom jiġu enfasizzati żewġ elementi meta tiġi vvalutata l-applikazzjoni tal-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva fil-qafas usa'. L-ewwel nett, mill-2024, id-Direttiva AML il-ġdida tirregola b'mod partikolari t-tweġibiet għat-talbiet għal informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi, tistabbilixxi prinċipji bħall-awtonomija tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja biex ixerrdu l-informazzjoni u tħeġġeġ l-aċċess dirett tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja għall-informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi[13]. Id-Direttiva AML il-ġdida mhux biss tmur lil hinn mid-Direttiva f'xi aspetti, iżda wkoll xi diskrepanzi u duplikazzjonijiet żgħar mad-dispożizzjonijiet korrispondenti fid-Direttiva AML il-ġdida u d-Direttiva jistgħu jġibu ċertu grad ta' inċertezza fl-implimentazzjoni taż-żewġ strumenti mill-awtoritajiet nazzjonali[14]. It-tieni, kif elaborat iktar fl-analiżi fit-Taqsima III ta' dan ir-rapport, bosta Stati Membri stabbilew mekkaniżmi effettivi għal kooperazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, li jifirxu mill-istazzjonar ta' uffiċjali ta' kollegament fl-uffiċċji ta' xulxin sal-ħolqien task forces interaġenzjali, li jmorru lil

[13] Ara b'mod partikolari l-Artikolu 21(1), il-punt (c), tad-Direttiva AML il-ġdida, li jipprovdi lill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja aċċess dirett jew indirett għall-informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi (filwaqt li jiġi ċċarat fl-Artikolu 21(3) ta' dik id-Direttiva li "kull meta jkun possibbli, l-FIU tingħata aċċess dirett" għal tali informazzjoni), u l-Artikolu 22 ta' dik id-Direttiva, li jippermetti lill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja jwieġbu fil-ħin għal talbiet motivati għal informazzjoni ġġustifikata minn tħassib relatat mal-ħasil tal-flus, ir-reati predikati tiegħu jew il-finanzjament tat-terroriżmu minn sett ta' awtoritajiet.

[14] Pereżempju, il-fatt li d-Direttiva AML il-ġdida tikkontempla l-possibbiltà ta' aċċess dirett mill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja għall-informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi (filwaqt li l-Artikolu 8 tad-Direttiva jirregola biss l-aċċess fuq talba), li tippermetti lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja twieġeb lill-awtoritajiet pubbliċi li għandhom il-funzjoni li jinvestigaw jew jieħdu passi kriminali kontra l-ħasil tal-flus, ir-reati predikati tiegħu jew il-finanzjament tat-terroriżmu, jew li għandhom il-funzjoni li jittraċċaw, jissekwestraw jew jiffriżaw u jikkonfiskaw l-assi kriminali (filwaqt li l-Artikolu 7 tad-Direttiva jippermetti biss lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja twieġeb lill-awtoritajiet innominati) u li tirrikjedi li l-awtorità tipprovdi feedback lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja, obbligu li ma huwiex ikkontemplat fid-Direttiva.

hinn mill-mudell ta' talba-rispons regolata fid-Direttiva.

### 2.3.2 Skambju ta' informazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja ta' Stati Membri differenti

Skont **l-Artikolu 9** tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'każijiet eċċezzjonali u urġenti, **l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja** tagħhom ikunu **intitolati li jiskambjaw** informazzjoni finanzjarja jew analiżijiet finanzjarji li jistgħu jkunu rilevanti għall-ipproċessar jew l-analiżi ta' informazzjoni relatata mat-terroriżmu jew ma' kriminalità organizzata assoċjata mat-terroriżmu.

Is-26 Stat Membru kkonċernati kollha ttrasponew b'mod korrett dak ir-rekwiżit. F'dak il-kuntest, ta' min jinnota li, minn Mejju 2024, l-Artikolu 31(7) tad-Direttiva AML il-ġdida jmur lil hinn mir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 9 tad-Direttiva billi jirrikjedi li l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja jwieġbu għat-talba ta' xulxin f'jum tax-xogħol wieħed għal każijiet eċċezzjonali u urġenti. Dak l-obbligu l-ġdid jipprovdi ċarezza akbar dwar l-obbligi għall-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja fis-sitwazzjonijiet irregolati mill-Artikolu 9 tad-Direttiva, pereżempju billi jispeċifika skadenza ta' jum wieħed biex tiġi pprovduta l-informazzjoni u għandu wkoll kamp ta' applikazzjoni usa' peress li ma huwiex limitat għat-terroriżmu jew għall-kriminalità organizzata assoċjata mat-terroriżmu.

### 2.3.3 Skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri differenti

**L-Artikolu 10(1)** tad-Direttiva jirrikjedi li l-Istati Membri jippermettu **lill-awtoritajiet kompetenti** nnominati tagħhom **jiskambjaw mal-awtoritajiet kompetenti nnominati ta' Stati Membri oħra,** fuq talba u fuq bażi ta' każ b'każ, **informazzjoni finanzjarja jew analiżijiet finanzjarji** miksuba mill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja tagħhom. Skont dik id-dispożizzjoni, tali informazzjoni għandha tintuża għall-fini li għalih tkun ġiet mitluba jew ipprovduta. Tali informazzjoni tista' tintuża biss għal finijiet differenti jew minn awtoritajiet oħra dment li jkun inkiseb il-kunsens minn qabel tal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja li tipprovdi.

**L-Istati Membri** żguraw li **l-awtoritajiet kompetenti nnominati** tagħhom **ikunu jistgħu jiskambjaw l-informazzjoni pprovduta mill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja tagħhom mal-kontropartijiet tagħhom** fi Stati Membri oħra, u fadal ftit lakuni fit-traspożizzjoni fi ftit Stati Membri. Pereżempju, il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed tippermetti lill-awtorità kompetenti nnominata tiegħu li tiskambja data personali madwar l-Istati Membri, li tkopri b'mod wiesa' – mingħajr ma tissemma b'mod espliċitu – informazzjoni finanzjarja jew analiżi finanzjarja. F'żewġ Stati Membri, l-Artikolu 10 tad-Direttiva ġie traspost mingħajr referenzi espliċiti għal-limitazzjoni tal-fini jew għall-kunsens minn qabel. Madankollu, il-limitazzjoni għall-fini oriġinali u l-kunsens minn qabel mill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja li tipprovdi l-informazzjoni issa hija minquxa fl-Artikolu 34 tad-Direttiva AML il-ġdida. Dak l-Artikolu jippermetti lill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja jimponu ċerti restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet fuq l-użu ta' informazzjoni li jipprovdu lill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja ta' Stati Membri oħra u jistabbilixxi li għandu jingħata kunsens minn qabel minn dik l-Unità tal-Intelligence Finanzjarja lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja ta' Stat Membru ieħor f'każ ta' tixrid ulterjuri tal-informazzjoni kkonċernata. Dak il-kunsens minn qabel għandu jingħata minnufih u għandu jiġi rrifjutat f'ċirkostanzi limitati.

Ta' min jinnota wkoll li l-Artikolu 34 tad-Direttiva AML il-ġdida huwa *lex specialis* fil-

konfront tad-Direttiva (UE) 2023/977 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15], li diġà tistabbilixxi regoli organizzattivi u proċedurali dettaljati biex jiġi żgurat skambju adegwat u effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, inkluż dwar punti uniċi ta' kuntatt u l-istabbiliment ta' limiti ta' żmien ċari għall-iskambju ta' informazzjoni. L-istatus tad-Direttiva bħala *lex specialis* fir-rigward tad-Direttiva (UE) 2023/977 jinvolvi li l-iskambju ta' informazzjoni u analiżijiet finanzjarji fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkun soġġett għal sett differenti ta' regoli meta mqabbel mat-tip ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2, il-punt (4), tad-Direttiva (UE) 2023/977: fl-Artikoli 7 sa 10 tad-Direttiva ma hemm l-ebda limitu ta' żmien biex jiġi żgurat li l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja u l-awtoritajiet kompetenti jiskambjaw informazzjoni jew analiżijiet finanzjarji malajr bejn il-fruntieri, u lanqas regoli biex jiġi żgurat li l-punti uniċi ta' kuntatt ikunu konxji minn dawk l-iskambji. Dik id-diverġenza tmur kontra r-realtà peress li l-awtoritajiet, meta jikkooperaw f'investigazzjoni speċifika, spiss jikkondividu informazzjoni dwar il-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ inkwistjoni, li minnhom l-informazzjoni finanzjarja hija sempliċiment parti minn dak is-sett ta' informazzjoni u evidenza. Dak is-sett distint ta' regoli għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni finanzjarja meta mqabbel ma' tipi oħra ta' informazzjoni jista' joħloq sfidi prattiċi u ma jirriflettix il-prattiki operazzjonali tal-infurzar tal-liġi.

### 2.4 Skambju ta' informazzjoni mal-Europol

Il-Kapitolu IV tad-Direttiva jirregola l-**iskambju ta' informazzjoni mill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi mal-Europol**. L-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva jirrikjedu li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti nnominati tagħhom u l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja tagħhom huma intitolati li jipprovdu lill-Europol b'informazzjoni tal-kont bankarju (għall-awtoritajiet kompetenti) u informazzjoni finanzjarja jew analiżijiet finanzjarji (għall-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja), fuq talba ġustifikata kif xieraq u fuq bażi ta' każ b'każ. L-Artikolu 12(3) tad-Direttiva jirrikjedi lill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja jispjegaw kwalunkwe nuqqas ta' konformità għal tali talba. **L-Artikolu 13(1)** tad-Direttiva jirrikjedi li l-iskambji ta' informazzjoni mal-Europol isiru b'mod elettroniku permezz ta' **SIENA** jew, meta applikabbli, **FIU.Net**. **L-Artikolu 14** tad-Direttiva jittratta **r-rekwiżiti** tal-protezzjoni tad-data għall-Europol, bħal-limitazzjoni tal-ipproċessar tal-informazzjoni riċevuta skont il-Kapitolu IV tad-Direttiva għal persunal innominat speċifikament u li l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data tal-Europol jiġi infurmat dwar kull skambju.

B'mod ġenerali, dawk id-dispożizzjonijiet ġew trasposti b'mod korrett mill-Istati Membri kkonċernati, u għad fadal xi problemi ta' traspożizzjoni, bħan-nuqqas ta' referenzi espliċiti għal SIENA/FIU.Net jew għall-ispjegazzjonijiet tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja għan-nuqqas ta' konformità ma' talba mill-Europol. Madankollu, anke f'dawk l-Istati Membri li ma għandhomx dispożizzjoni espliċita, SIENA u FIU.Net huma l-mezz awtomatiku għall-komunikazzjoni bejn il-Europol u, rispettivament, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja. Kif muri fl-analiżi fit-Taqsima 3 ta' dan ir-rapport, dawk id-dispożizzjonijiet tejbu l-aċċess tal-Europol għall-kont bankarju u għall-informazzjoni finanzjarja.

[15] Id-Direttiva (UE) 2023/977 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI (ĠU L 134, 22.5.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/977/oj).

## 2.5 Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mal-ipproċessar ta' data personali u l-monitoraġġ

Il-Kapitolu V tad-Direttiva fih dispożizzjonijiet addizzjonali dwar l-ipproċessar ta' data personali, u jirregola l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll transfruntier, u bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja u l-Europol, kif indikat fl-Artikolu 15 li jistabbilixxi l-ambitu tad-dispożizzjonijiet ta' dak il-Kapitolu V.

**L-Artikolu 16** tad-Direttiva **jirrikjedi li l-ipproċessar ta' data personali sensittiva**, bħall-informazzjoni li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika jew l-opinjonijiet politiċi ta' persuna, ikun soġġett għal salvagwardji xierqa u li tali pproċessar **jitwettaq f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data**. Barra minn hekk, dik id-data għandha tiġi pproċessata minn persunal awtorizzat mill-kontrollur u taħt il-gwida tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data u għandu jiġi mħarreġ speċifikament. Dak ir-rekwiżit li l-persunal awtorizzat li jkun irċieva taħriġ speċifiku biss jista' jipproċessa data personali sensittiva **mhux dejjem ikun rifless fil-liġi nazzjonali**. Tali lakuni fit-traspożizzjoni jistgħu jirriżultaw mill-fatt li, filwaqt li d-Direttiva (UE) 2016/680 li tippreċedi d-Direttiva diġà tipprevedi r-rekwiżit ġenerali li jiġu previsti salvagwardji xierqa fl-ipproċessar ta' data sensittiva, ma tirreferix b'mod espliċitu għal tali rekwiżit għal persunal imħarreġ u awtorizzat speċifikament. Ta' min jinnota li tali rekwiżit speċifiku ma huwiex stabbilit f'Atti tal-Unjoni oħra aktar reċenti li jirregolaw l-iskambji ta' informazzjoni li huma simili għal dawk stabbiliti fid-Direttiva. Għalhekk huwa meħtieġ li jitqies l-impatt ta' regoli differenti għall-awtoritajiet li jittrattaw data simili, jiġifieri sett wieħed ta' regoli għal data sensittiva f'sitwazzjonijiet ġenerali u ieħor meta jittrattaw data sensittiva fil-kuntest ta' informazzjoni finanzjarja jew meta l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja jkunu qegħdin jiskambjaw informazzjoni f'każijiet urġenti relatati mat-terroriżmu.

Barra minn hekk, **l-Artikolu 17 tad-Direttiva jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li, għal kull wieħed mill-iskambji ta' informazzjoni, jinżammu rekords** tal-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjoni u tal-uffiċjal li jitolbu l-informazzjoni, tar-referenza tal-każ nazzjonali, tas-suġġett tat-talba u ta' kwalunkwe miżura ta' eżekuzzjoni ta' tali talbiet. Tali rekords għandhom jinżammu għal 5 snin u għandhom ikunu disponibbli għall-awtorità superviżorja nazzjonali fuq talba. **Instabu diversi problemi fir-rigward tat-traspożizzjoni ta' din id-dispożizzjoni mill-Istati Membri**, bħan-nuqqas ta' referenza espliċita fil-liġi għaż-żamma tar-rekords – anke meta tali rekords jinżammu fil-prattika – jew il-limitazzjoni tar-rekords għal xi wħud mill-iskambji iżda mhux għal oħrajn (eż. fi Stat Membru wieħed jiġu rreġistrati biss it-talbiet magħmula mill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja).

Dawk il-problemi jidher li dderivaw, f'xi istanzi, mill-fatt li r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 17 tad-Direttiva huma **aktar speċifiċi mill-qafas ġenerali tar-regoli tal-protezzjoni tad-data li japplikaw għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi**, li jirrikjedi biss li jinżammu reġistrazzjonijiet meta jintużaw sistemi awtomatiċi tal-ipproċessar. Barra minn hekk, biex jinftiehem aħjar l-impatt tal-Artikolu 17 tad-Direttiva, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-Artikolu jmorru lil hinn minn Atti tal-Unjoni oħra aktar reċenti li jirregolaw l-iskambji ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet, bħad-Direttiva (UE) 2024/1260, id-Direttiva AML il-ġdida jew id-Direttiva (UE) 2023/977, li fihom rekwiżiti inqas dettaljati għaż-żamma tar-rekords, li jirrikjedu li l-Punt Uniku ta' Kuntatt jimplimenta sistema elettronika unika ta' ġestjoni tal-każijiet. Fost aspetti oħra, għandu jiġi ċċarat jekk tali sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet jirreġistrawx diġà xi wħud mill-iskambji ta' informazzjoni msemmija fid-Direttiva, sa fejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi spiss jikkondividu data dwar l-attivitajiet finanzjarji flimkien ma' informazzjoni rilevanti oħra relatata mal-investigazzjoni.

Huwa meħtieġ ukoll li jitqies li r-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 17 tad-Direttiva li jinżammu rekords joħloq piż amministrattiv. Ir-rekords li għandhom jinżammu jkopru l-iskambji fost 26 Unità tal-Intelligence Finanzjarja u total ta' madwar 200 awtorità kompetenti nnominata, li xi wħud minnhom - bħall-awtoritajiet ġudizzjarji jew tal-infurzar tal-liġi - min-naħa tagħhom huma magħmula minn mijiet ta' diviżjonijiet jew dipartimenti.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 19 tad-Direttiva jirrikjedi lill-Istati Membri biex jiġbru u jipprovdu lill-Kummissjoni **statistiċi dwar l-għadd ta' tfittxijiet fir-reġistru ċentrali tal-kontijiet bankarji**, data li tkejjel il-volum ta' talbiet għal informazzjoni maħruġa minn kull awtorità li taqa' taħt id-Direttiva u data dwar is-segwitu mogħti għal dawk it-talbiet, informazzjoni li tkejjel iż-żmien li ħa r-rispons għal tali talbiet u data li tkejjel il-kost tar-riżorsi umani jew tal-IT ddedikati għal talbiet domestiċi u transfruntiera.

B'mod kumplessiv, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kapitolu jkomplu jqajmu għadd ta' problemi ta' traspożizzjoni, li spiss huma marbutin mal-interazzjoni bejn strumenti leġiżlattivi diversi. F'bosta istanzi, ġiet osservata l-konformità fil-prattika, minkejja n-nuqqas ta' referenza esplicita fil-liġi nazzjonali.

## 3. VALUTAZZJONI DWAR IL-ĦTIEĠA GĦAL, U L-PROPORZJONALITÀ TA', L-ESTENSJONI TAD-DEFINIZZJONI TA' INFORMAZZJONI FINANZJARJA

Din it-taqsima tivvaluta jekk huwiex meħtieġ u proporzjonat li tiġi estiża d-definizzjoni ta' informazzjoni finanzjarja li tinsab fid-Direttiva u, fl-aħħar mill-aħħar, l-ambitu tal-informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi skont id-Direttiva.

Id-Direttiva 2019/1153 tistabbilixxi sistema li permezz tagħha f'kull Stat Membru l-Unità tal-Intelligence Finanzjarja għandha tkun kapaċi tipprovdi lil sett ta' awtoritajiet kompetenti maħtura, fuq talba, informazzjoni finanzjarja, definita bħala "kwalunkwe tip ta' informazzjoni jew data, bħalma hija data dwar assi finanzjarji, movimenti ta' fondi jew relazzjonijiet ta' negozju finanzjarju, li diġà hija miżmuma mill-FIUs". L-awtoritajiet kompetenti mbagħad jistgħu jikkondividu din l-informazzjoni mal-kontropartijiet tagħhom fi Stati Membri oħra. **L-Artikolu 21(3)** tad-Direttiva **jirrikjedi li** l-Kummissjoni **tirrapporta** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill **dwar il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-estensjoni tad-definizzjoni ta' informazzjoni finanzjarja** għal kwalunkwe tip ta' **informazzjoni jew data li tinżamm mill-awtoritajiet pubbliċi jew mill-entitajiet obbligati u li tkun disponibbli għall-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja mingħajr it-teħid ta' miżuri ta' koerċizzjoni** skont il-liġi nazzjonali.

Sabiex jiġi indirizzat dan ir-rekwiżit, din it-taqsima tivvaluta jekk huwiex meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiksbu mhux biss l-informazzjoni li l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja diġà għandhom, iżda anke informazzjoni rilevanti oħra, eż. minn kumpaniji privati u minn awtoritajiet oħra, b'mod partikolari permezz tal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja.

Din il-valutazzjoni tibni fuq kwestjonarji mibgħuta mill-Kummissjoni Ewropea biex tikseb il-fehmiet tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja u tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, li għalihom wieġbu 16-il Unità tal-Intelligence Finanzjarja u 19-il aġenzija tal-infurzar tal-liġi ta' 13-il Stat Membru, u fuq id-diskussjonijiet li saru f'laqgħa f'Novembru 2024 ma' esperti tal-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri kollha biex jesploraw kif jissaħħu l-isforzi kontra l-finanzi kriminali. L-eżitu tal-kwestjonarju ġie diskuss fil-Pjattaforma tal-FIU tal-UE f'Ġunju 2025.

B’mod ġenerali, il-feedback mill-partijiet ikkonċernati juri li **kien hemm progress sinifikanti f’dawn l-aħħar snin fil-kapaċità tal-infurzar tal-liġi biex tiġi aċċessata d-data finanzjarja**. Dan huwa bis-saħħa tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2019/1153, u b’mod partikolari l-aċċess dirett li din tagħti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għar-reġistri tal-kontijiet bankarji. Dan huwa wkoll dovut għal sensibilizzazzjoni akbar mill-Istati Membri, li jwassal għal aktar riżorsi, żviluppi tekniċi u kooperazzjoni msaħħa fost l-awtoritajiet nazzjonali. Dan tal-aħħar huwa partikolarment il-każ bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja: l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja kollha jistgħu jipprovdu informazzjoni li diġà għandhom lill-awtoritajiet kompetenti fuq talba, b’mod partikolari informazzjoni li ġiet trażmessa qabel mill-entitajiet obbligati lill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja bħala parti mill-attività ta’ rapportar tagħhom u mill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja li huma kontropartijiet.

Dan l-għoti ta’ informazzjoni huwa soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, b’mod partikolari l-possibbiltà għall-Unità tal-Intelligence Finanzjarja, f’konformità mal-prinċipju tal-awtonomija minqux fl-Artikoli 33 u 34 tad-Direttiva AML il-ġdida, li tirrifjuta talba f’konformità mar-raġunijiet ta’ rifjut previsti mid-Direttiva u li tillimita l-użu tal-informazzjoni pprovduta “għal finijiet ta’ intelligence biss”, bl-esklużjoni ta’ kwalunkwe użu possibbli bħala evidenza fi proċediment kriminali. Diversi aġenziji tal-infurzar tal-liġi, li f’dak iż-żmien irreferew għall-Artikolu 55 tar-Raba’ Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus[16], **indikaw li l-limitazzjoni għall-użu tal-informazzjoni biss għal finijiet ta’ intelligence tikkostitwixxi ostaklu rilevanti**[17]. Minbarra li jistgħu jikkondividu l-informazzjoni li għandhom, nofs l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja li wieġbu għall-kwestjonarju indikaw li jistgħu jipprovdu wkoll ċerta informazzjoni miżmuma mill-entitajiet obbligati jew minn awtoritajiet pubbliċi oħra, l-aktar matul proċedimenti kriminali u b’approvazzjoni ġudizzjarja.

Lil hinn mil-loġika ta’ talba/tweġiba tad-Direttiva, il-prattikanti indikaw prattiki barra mill-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva li jkollhom rwol kruċjali fit-titjib **tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji** mal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja, bħall-istazzjonar ta’ uffiċjali ta’ kollegament mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Unità tal-Intelligence Finanzjarja u viċi versa, strutturi ta’ kooperazzjoni bejn l-aġenziji fit-tul jew *ad hoc*, kif ukoll sħubijiet pubbliċi-privati. Dawn **il-mudelli** varji, żviluppati matul dawn l-aħħar ftit snin, **jippermettu skambju ta’ informazzjoni li spiss ikun aktar mgħaġġel u aktar effettiv minn sempliċi tweġibiet għal talbiet għall-informazzjoni**.

---

16 Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/849/oj).

17 Din il-limitazzjoni tirriżulta, fost raġunijiet oħra, mill-fatt li l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja jittrattaw l-analiżi ta’ fatti suspettużi iżda normalment ma jkunux f’pożizzjoni li jivvalutaw jekk humiex qegħdin jitwettqu jew twettqux reati. L-iskambju ta’ materjal evidenzjarju minn hemm ’il quddiem jitwettaq permezz ta’ mekkaniżmi u kanali *ad hoc* tal-infurzar tal-liġi jew tal-kooperazzjoni ġudizzjarja. Ara l-Pjattaforma tal-FIUs tal-UE, “Mapping Exercise and Gap Analysis on FIUs’ Powers and Obstacles for Obtaining and Exchanging Information” (2016) fuq https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/core/api/front/expertGroupAddtitionalInfo/33583/download.
Kwistjoni simili, li nstabet fir-rigward tal-iskambju ta’ informazzjoni dwar it-taxxa, ġiet solvuta wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226 tas-17 ta’ Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni, li pprevediet li tali informazzjoni “tista’ tintuża għall-valutazzjoni, l-amministrazzjoni u l-infurzar tal-liġi nazzjonali tal-Istati Membri dwar it-taxxi msemmija fl-Artikolu 2 kif ukoll […] il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu” (l-Artikolu 16(1) tal-verżjoni konsolidata tad-Direttiva 2011/16/UE).

**Il-Europol irrapportat ukoll benefiċċji konsiderevoli** mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li jippermettulha titlob lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji u informazzjoni finanzjarja, **b'aktar minn 160 talba matul is-snin 2023/2024 u b'rata ta' tweġibiet ta' 75 %**. Din l-informazzjoni, imsaħħa b'kontroverifiki addizzjonali, uriet li hija essenzjali biex jiġu identifikati persuni suspettati ta' profil għoli li qabel ma kinux magħrufa, biex jiġu skoperti l-konnessjonijiet moħbija, biex jiġu mmappjati ċ-ċirkwiti finanzjarji kriminali u biex jiġu ffriżati u rkuprati l-assi illeċiti. Fl-istess ħin, il-Europol għadha tosserva xi **dewmien fit-tweġibiet**, b'medja ta' dewmien fit-tweġibiet ta' 50 jum li jdgħajjef l-effettività tal-investigazzjonijiet finanzjarji transfruntieri.

Fir-rigward **tal-isfidi fil-kisba ta' informazzjoni mill-entitajiet obbligati**[18], għad hemm diversi problemi. Uħud minn dawn il-problemi huma komuni għall-fażi tal-ġbir tal-intelligence u matul il-proċedimenti kriminali: quddiem ammonti kbar ta' data finanzjarja għall-ipproċessar, l-awtoritajiet indikaw il-ħtieġa ta' format komuni għall-informazzjoni li l-entitajiet finanzjarji jipprovdu lill-awtoritajiet, soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-ipproċessar tal-informazzjoni minn diversi sorsi u sistemi ta' esportazzjoni/importazzjoni biex it-talba u l-wasla tal-informazzjoni finanzjarja jiġu awtomatizzati permezz ta' mezzi siguri.

Barra minn hekk, waqt li jkunu qed jibnu każ, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi normalment ma jistgħux jitolbu informazzjoni direttament mill-entitajiet obbligati fil-fażi pre-investgattiva. Meta jiġu kkunsidrati d-diffikultajiet li dan joħloq għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, speċjalment f'każijiet bħal reati ekonomiċi fejn ir-rendikont finanzjarju huwa kruċjali biex jiġi stabbilit jekk ikunux twettqu atti kriminali, aktar minn żewġ terzi tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kkonsultati talbu li jkun hemm il-possibbiltà li tiġi skambjata direttament informazzjoni ma' entitajiet obbligati fi stadju bikri tal-investigazzjonijiet, l-aktar għal raġunijiet ta' ħeffa. Fl-istess ħin, xi awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jippreferu jżommu r-rwol intermedjarju tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja fi skambji mal-entitajiet obbligati f'din il-fażi, abbażi li dan jiżgura l-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi.

Barra minn hekk, **sa fejn is-setgħa għall-infurzar tal-liġi li tintalab informazzjoni minn entitajiet obbligati hija limitata għall-proċedimenti kriminali, dan jimplika l-użu tal-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (OIE) għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-fruntieri**[19]. Skont xi awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, dan jirrappreżenta sfida konsiderevoli: l-OIE jista' jieħu sa 30 jum biex jiġi rikonoxxut, filwaqt li l-kriminali jċaqilqu l-flus bejn il-fruntieri fi ftit minuti jekk mhux sekondi. B'kuntrast ma' dan, xi Stati Membri fejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jiskambjaw direttament ma' entitajiet obbligati fi stadju investigattiv bikri indikaw li huma jistgħu wkoll jiskambjaw informazzjoni aktar malajr bejn il-fruntieri. Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġi mfakkar li l-limitazzjoni ta' tali setgħa għall-istadju investigattiv u r-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni ġudizzjarja fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tirrifletti l-importanza tal-protezzjoni tal-informazzjoni sensittiva, kif hija d-data dwar it-tranżazzjonijiet finanzjarji.

**Sfida oħra** li spiss titqajjem fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-entittajiet obbligati hija **l-aċċess tal-informazzjoni dwar il-kriptoassi**. Bosta Stati Membri emfasizzaw in-nuqqas ta' tweġibiet

---

18 L-entitajiet li huma obbligati jieħdu passi xierqa biex jidentifikaw u jivvalutaw ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu skont ir-regoli Kontra l-Ħasil tal-Flus, bħall-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-istituzzjonijiet finanzjarji, ċerti professjonisti (eż. nutara, avukati, awdituri, kontabilisti esterni, eċċ.), il-fornituri ta' servizzi ta' trusts jew ta' kumpaniji, l-aġenti tal-proprjetà, in-negozjanti, il-klabbs tal-futbol, eċċ.

19 Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/41/oj).

għat-talbiet tal-infurzar tal-liġi minn fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi bbażati f'pajjiżi terzi iżda li joffru servizzi fi ħdan l-UE. Din hija kwistjoni konsiderevoli meta wieħed jikkunsidra li l-isfruttament kriminali tal-kriptovaluta bħala metodu ta' ħlas jinstab mhux biss fiċ-ċiberkriminalità iżda wkoll dejjem aktar f'oqsma ta' kriminalità bħat-traffikar tad-droga jew il-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali[20]. Fost l-**aħjar prattiki** identifikati mill-Istati Membri biex jindirizzaw uħud mill-isfidi meta jikkooperaw mal-entitajiet obbligati hemm l-istabbiliment ta' sħubijiet pubbliċi-privati fost l-entitajiet obbligati, l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja u l-awtoritajiet kompetenti, fejn flussi dinamiċi ta' informazzjoni jivvjaġġaw lejn iż-żewġ naħat biex jippermettu kollaborazzjoni aktar mill-qrib u mmirata dwar każijiet konkreti. Filwaqt li madwar nofs l-Istati Membri jippreżentaw xi forma ta' kooperazzjoni pubblika-privata, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet hija limitata għall-iskambju tat-tipoloġiji u x-xejriet. Meta s-sħubijiet jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali, l-awtoritajiet u l-atturi finanzjarji jistgħu jaħdmu flimkien f'ambjent sigur biex jidentifikaw u jfixklu l-iskemi finanzjarji illeċiti, u jipprovdu informazzjoni siewja għall-investigaturi[21].

B'mod ġenerali, il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jiksbu u jipproċessaw informazzjoni finanzjarja żdiedet, bis-saħħa tat-titjib li ġabet id-Direttiva kif ukoll minn żviluppi oħra fil-qasam tal-kooperazzjoni pubblika-privata u l-kollaborazzjoni bejn l-aġenziji. Fl-istess ħin, għad hemm għadd ta' sfidi, bħall-kapaċitajiet insuffiċjenti għall-ipproċessar ta' ammonti kbar ta' data, l-ostakli għall-awtoritajiet biex jiskambjaw mal-entitajiet obbligati meta jibnu l-każ u l-isfidi transfruntieri, meta titqies il-ħeffa li biha l-flus jistgħu jiġu ttrasferiti bejn il-fruntieri. Uħud mill-mudelli żviluppati matul l-aħħar snin, b'mod partikolari s-sħubijiet pubbliċi-privati, jgħinu fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi, filwaqt li l-istrumenti leġiżlattivi reċenti adottati, bħar-regoli l-ġodda Kontra l-Ħasil tal-Flus u d-Direttiva (UE) 2024/1260, se jikkontribwixxu wkoll għal aċċess aħjar mill-awtoritajiet kompetenti għall-informazzjoni finanzjarja. Meta wieħed iqis il-ħtieġa li jiġu implimentati dawn l-inizjattivi importanti,**ma huwiex possibbli li f'dan il-mument jiġi konkluż fir-rigward tal-ħtieġa u l-proporzjonalità għall-estensjoni tad-definizzjoni ta' informazzjoni finanzjarja.**

## 4. KONKLUŻJONI

Id-Direttiva 2019/1153 ikkontribwiet l-aktar għat-titjib tal-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jaċċessaw informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali. **Għalkemm għad fadal xi lakuni li għandhom jiġu indirizzati, il-maġġoranza tal-Istati Membri ttrasponew id-Direttiva b'mod li jiżgura l-konformità mal-għanijiet u mal-livell ta' salvagwardji previsti fid-Direttiva**. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni ta' infurzar li tista' tittieħed biex jiġi rrimedjat il-ksur li jifdal, il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura li d-Direttiva 2019/1153 tiġi applikata b'mod effettiv. Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni qiegħda tippjana li tadotta, fl-2026, att ta' implimentazzjoni biex tiżgura li l-entitajiet finanzjarji jipprovdu rekords tat-tranżazzjonijiet f'format komuni madwar l-UE, talba li ilhom jagħmlu l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, kif meħtieġ mill-emenda tad-Direttiva adottata f'Mejju 2024[22].

Fl-istess ħin, id-Direttiva hija parti minn sett ta' għodod usa' li għandu l-għan li jiġġieled kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzi kriminali, li wħud minnhom dan l-aħħar ġew imsaħħa. Meta tiġi kkunsidrata **l-politika tal-Kummissjoni Ewropea ta' simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piż**, dan

20 https://www.europol.europa.eu/cms/sites/default/files/documents/EU-SOCTA-2025.pdf
21 Policy-Summary-EFIPPP-Practical-Guide-operational-cooperation-1.pdf
22 L-Artikolu 6a tad-Direttiva (UE) 2019/1153.

ir-rapport jippreżenta r-rabtiet tad-Direttiva ma' dawn l-istrumenti, u ma' biċċiet oħra ta' leġiżlazzjoni, u l-implikazzjonijiet prattiċi ta' xi wħud mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, kif ukoll ir-rilevanza tagħhom biex jiġu żgurati salvagwardji adegwati. Dawk is-sejbiet jistgħu jkunu bażi għal diskussjonijiet ulterjuri mal-partijiet ikkonċernati biex jiġu indirizzati xi wħud mill-isfidi f'termini ta' piż amministrattiv u fir-rigward ta' diskrepanzi potenzjali ma' strumenti leġiżlattivi oħra.

Fl-aħħar nett, għadu kmieni wisq biex issir konklużjoni dwar il-ħtieġa tu l-proporzjonalità ta' estensjoni tad-definizzjoni tal-informazzjoni finanzjarja. Apparti l-miżuri introdotti mid-Direttiva, għad hemm varjetà ta' fatturi b'impatt fuq il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jiksbu u jipproċessw informazzjoni finanzjarja li għadhom iridu jittejbu, bħal kapaċità tal-infurzar tal-liġi biex jipproċessa ammonti kbar tad-data, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati fl-investigazzjonijiet finanzjarji jew l-iskambju rapidu tal-informazzjoni transfruntiera. Barra minn dan, il-firxa sħiħa tat-titjib li sar permezz tal-leġiżlazzjoni riċenti fuq l-investigazzjonijiet finanzjarji għadha ma ssarfetx, minħabba li l-leġiżlazzjoni rilevanti għadha fil-proċess li tiġi trasposta jew li tidħol fis-seħħ.